# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 279/2018

280/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**Rusanka Dimitrova Staneva**

**Neli Ilieva**

Seduta 29 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, **Rusanka Dimitrova Staneva**, detentrici tal-karta tal-identita' Bulgara bin-numru 647397686 u **Neli Ilieva**, detentrici tal-karta tal-identita' Bulgara bin-numru 64492127 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn il-31 ta' Mejju 2018 u l-5 ta' Gunju 2018 gewwa l-Belt Valletta b'diversi atti maghmulin f'hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u liema atti kienu maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-artikolu 18 tal-Ligiijiet ta' Malta;

1. Mill-ATM tal-fergha tal-bank BOV gewwa Triq ir-Repubblika l-Belt f'diversi drabi, ikkommettew serq ta' diversi flejjes, liema somma ta' flus tammonta ghal €500 billi ghamilu uzu illecitu minn credit card liema serq hu kwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Maria Agius u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 261, 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ghamlu uzu ta' kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elektroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f' kompjuter, dan sar ghad-detriment ta' Maria Agius u/jew persuni ohra dan bi ksur talArtikolu 337C (1) (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ikkommettew serq ta' kartiera bi flus kontanti, diversi dokumenti u credit card mahruga mill-bank BNF ghad-detriment ta' Maria Agius u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Ikkommettew serq ta' kartiera bi flus kontanti u debit card mahruga mill-bank BNL ghad-detriment ta' Lorena Rossi u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Bil-hsieb li jaghmlu reat ta' serq permezz ta' karti ta' kreditu ghad-detriment ta' Lorena Rossi u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bhala serq semplici dan bi ksur tal-Artikolu 41(1) (a), 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Ikkommettew serq ta' kartiera bi flus kontanti, diversi dokumenti u gizirana ghad-detriment ta' Joan Vella u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Gunju, 2018 li biha sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom w kkundannathom tmintax (18)-il xahar prigunerija. Il-Qorti hegget lill-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni biex hekk kif l-imputati jiskontaw is-sentenza jkunu ripatrijati, anke jekk gejjin minn pajjiz tal-Unjoni Ewropea ghaliex m'ghandhomx post ta' abitazzjoni f'Malta, m'ghandhomx biex imantnu lilhom infushom u huma ta' periklu ghall-ordni pubbliku

Rat ir-rikors tal-appellanta Rusanka Dimitrova Staneva pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Gunju, 2018, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi

piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz u dan taht dawk il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni;

Rat ir-rikors tal-appellanta Neli Ilieva pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Gunju, 2018, li permezz tieghu talbet ukoll lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz u dan taht dawk il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-imputata tillanja s-sentenza appellata bi tlett gravami li kollha jirrigwardaw il-piena kominata. Fl-ewwel aggravju insibu ilment li minkejja li l-prosekuzzjoni xlietha taht id-disposizzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, igifieri bir-reat kontinwat, l-ewwel Qorti injorat dan tant illi naqset illi tindika dan l-artikolu u applikat piena minghajr il-beneficcju li igib mieghu dan l-artikolu. Fit-tieni aggravju, l-appellanta tilmenta mill-kummenti u l-ordni tal-ewwel Qorti li bihom hegget lill-awtoritajiet sabiex jiddeportawha wara l-iskarcerazzjoni taghha u finalment tilmenta sia mill-piena erogata kif ukoll ir-ragunament tal-Qorti f'dan l-ezercizzju fejn riedet twassal messagg car billi ghamlet referenza

ghall-sentenza dwar attentat ta' omicidju li huwa ben divers minn dak mertu tal-appell;

2. Din il-Qorti, wara li fliet l-atti processwali tosserva illi meta l-imputata, flimkien mal-ko-imputata, rregistraw ammissjoni, l-ewwel Qorti ghaddiet biex tadopera l-procedura ravvizata fl-artikolu 453 tal-Kodici Kriminali. Din il-procedura, izda, hija rizervata ghall-meta l-akkuzat jirregistra ammissjoni quddiem il-Qorti Kriminali. Meta imputat jirregistra ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja jew fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, l-artikolu li jirregola dik l-ammissjoni huwa dak numru 392A (u 392B fil-kazijiet hemm imsemmija). Minkejja dan, l-indikazzjoni hazina tal-artikolu mill-ewwel Qorti ma jgib l- ebda konsegwenza ghaliex il-vot tal-ligi huwa sodisfatt bit-twissija solenni u bir-rinvinju tal-atti lill-Avukat Generali wara s-sentenza u dment li l-imputazzjoni mhix punibbli bi prigunerija ta' aktar minn tnax-il sena fil-kaz odjern;

3. Din il-Qorti tosserva ukoll, u qed tissolleva dan *ex officio* stante li hu kwistjoni ta' ordni pubbliku, illi l-ewwel Qorti ikkundannat lill-imputata kif ukoll lill-ko-imputata ghal-terminu ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar minghajr ma specifikat jekk dan it-terminu kienx ghal kull wahda minnhom jew jekk allura jissarrafx f'disa' xhur kull wahda. Certament li ma tiswiex piena *in solidum* fis-sistema penali taghna hlief fejn indikat mil-ligi bhal fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ghalkemm anke hawn din hija konsegwenza tal-htija u tinghata flimkien mal-piena. L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 jirrikjedi, u llum huwa palezi li dan hu *ad validitatem*, li meta l-qorti taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun instab hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dak il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. Issa meta l-ewwel Qorti ikkundannat lill-imputati ghal-tmintax-il xahar prigunerija *sic et simplicitur*

minghajr kif inghad *supra*, jigi li b'hekk naqset milli taghti l-piena kif mitlub fl-artikolu 382;

4. Konsegwentement dan jammonta ghal-nuqqas ta' formalita essenzjali li jgib mieghu n-nullita' tas-sentenza;

5. Tosserva ukoll din il-Qorti illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti kienu jezorbitaw mill-kompetenza tal-ewwel Qorti izda l-Avukat Generali kien ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk kien jehtieg in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati sabiex il-Qorti tipprocedi bil-procedura sommarja u dan billi tistaqsi lill-imputati jekk kellhomx tali oggezzjoni fit-terminu tal-artikolu 370(4) (a) u 392 tal-Kodici Kriminali. Issa, ghalkemm fil-verbal tal-Qorti a fol 4 tal-atti processwali hemm imnizzel li "Sar l-ezami tal-impuati", ma hemm ebda tracca ta' dokumentazzjoni ta' tali ezami fl-atti ta' ebda wahda mill-imputati. Hija t-twegiba tal-imputat li tirradika il-kompetenza tal-Qorti ghaliex jekk l-imputat, minkejja l-kunsens tal-Avukat Generali, iwiegeb li ghandu oggezzjoni l-kaz tieghu ma jistghax ikun trattat bil-procedura sommarja u l-Qorti ghandha tipprocedi bl-istruttorja;

6. Din il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara s-sentenza nulla u tirrevokaha. Konsegwentement filwaqt illi tordna li dawn l-atti jkunu rimessi quddiem l-ewwel Qorti, tordna li l-appellanti jitqieghdu fl-istess posizzjoni li kienu meta tressqu b'arrest quddiem l-ewwel Qorti.